VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,085, 9 ta' Novembru, 2018
Taqsima B

A.L. 373 tal-2018

ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL
(KAP. 449)

Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Solventi Estrattivi fi Ħwejjeġ tal-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 tal-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u dħul fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Solventi Estrattivi fi Ħwejjeġ tal-Ikel u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Solventi Estrattivi fi Ħwejjeġ tal-Ikel, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S.449.23.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fit-8 ta' Novembru 2018.

Skop.

2. L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jadottaw d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2016/1855 tad-19 ta' Ottubru 2016 li temenda d-Direttiva 2009/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward is-solventi ta' estrazzjoni użati fil-produzzjoni tal-oġġetti tal-ikel u l-ingredjenti tal-ikel.

Jemenda r-regolament 3.3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Il-partita "Dimethyl ether" fir-regolament 3.3 tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Dimethyl ether	Preparazzjoni ta' prodotti tal-proteina tal-annimali li jitneħħew mix-xaħam inklużi l-ġelatina (*)	0,009 mg/kg fil-prodotti tal-proteina tal-annimali li tneħħielhom ix-xaħam, inkluża l-ġelatina
	Preparazzjoni tal-kollaġen (**) u derivattivi tal-kollaġen, minbarra l-ġelatina	3 mg/kg fid-derivattivi tal-kollaġen u tal-kollaġen, ħlief il-ġelatina
(*) "Ġelatina" tfisser proteina naturali li tinħall, li tgħaqqad jew li ma tgħaqqadx, miksuba mill-idroliżi parzjali tal-kollaġen prodott mill-għadam, ġlud u għeruq tal-annimali, skont d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamnt Nru 853/2004.		
(**) "Kollaġen" tfisser il-prodott ibbażat fuq il-proteina derivat minn għadam, ġlud u għeruq manifatturati skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.".		